Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

ID-DISA' LEĠISLATURA 2024

SEDUTA NUMRU 27

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru 2025 fil-16.47.

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| M.Balzan | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Il-Kunsillier T.Valentino talbet sabiex tkun skużata peress li kienet imsiefra.

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 27.1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 24 ġew approvati hekk kif ippreżentati. Il-Kunsillier M.Abela pproponiet u l-Kunsillier A. Pisani ssekondat.

Il-Minuti tas-Seduta Nru 25 ġew approvati hekk kif ppreżenati. Il-Kunsillier M. Abela pproponiet u l-Kunsillier R.Scicluna ssekondat.

Il-Minuti tas-Seduta Nru 26 ġew approvati hekk kif ppreżenati. Il-Kunsillier A.Pisani pproponiet u l-Kunsillier L.Vassallo ssekondat.

## 27.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

27.2.1 Il-Kunsillier M. Abela reġgħet fakkret sabiex kemm jista' jkun malajr jinqata' l-ħaxix ħażin fi Triq l-Awrikarja ma' Prekursur u fi Triq ix-Xiber ma Pulzier. Is-SE infurmat li se terġa' tinforma lil kuntrattur. Kif ukoll fi Triq il-Bir u Triq it-Tari.

27.2.2 Il-Kunsillier M. Abela staqsiet jekk hemm xi indikazzjoni meta se jitwaħħlu s-sinjali quddiem Fort Madalena sabiex din iż-żona tinżamm nadifa. Is-SE wieġbet li dawn se jitwaħħlu lejn l-aħħar ta' dil-ġimgħa.

27.2.3 Il-Kunsillier M.Abela staqsiet jekk hux possibli tiġi installata mera ikbar fi Triq Sant Andrija k/m Triq tal-Ibraġ. Is-SE infurmat li din it-talba diġa' tressqet għall-attenzjoni ta' IM.

27.2.4 Il-Kunsillier M.Abela infurmat li issa għadda sajf sħiħ minn meta hi flimkien mas-Sindku iltaqgħu mal-Perit Conti u ma jidher li jiġi implimentat xejn ġdid li jassigura li mhux se jkun qed jerġa' jinġema t-traffiku fi Triq il- Prekusur hekk kif jibdew l-iskejjel. Is-SE se tibgħat tfakkira lil Perit Conti minn naħa ta' TM.

27.2.5 Il-Kunsillier R.Scicluna staqsiet jekk kienx hemm xi żvilluppi minn naħa ta' iktar entitajiet kummerċjali sabiex jirreklamaw fuq l-advertising boards tagħna. Is-SE infurmat li sa llum ma kien hemm ħadd ġdid u anke dawk li kienu vera interessati għadhom m'għamluhomx. Is-SE infurmat li sa issa Corner Food Store biss ħallas u fadal dawn:

- Central Garage Ltd
- Churchill Butcher

Wara diskuzzjoni,ġie deċiż li joġu avviċinati iktar entitajiet kummerċjali bħal banek lokali u kumpaniji tal-assigurazzjoni (ELMO/MAPFRE).

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 27.2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

27.2.6 Il-Viċi Sindku informa li hemm bżonn tittieħed azzjoni mmedjata minn naħa ta' min hu responsabli jew mill-Pulizija dwar dak il-pilastru perikoluż li hemm fi Triq tal-Ibraġ ( in-naħa tal-Mekkek Bar). Is-Sindku nforma li dan diġa' ġie rrapurtat lil Pulizija u li dan qiegħed fil-konfirni ta' San Ġwann.

27.2.7 Il-Viċi Sindku staqsa jekk LESA approvawx it-talba tagħna sabiex tiġi installata CCTV Camera fi Triq il-Marbat. Is-SE infurmat li din it-talba ma ġietx milqugħa.

27.2.8 Il-Kunsillier R.Scicluna staqsiet meta huwa pjanat lil titwaħħal no u-turn sign fi Triq is-Swieqi ( qabel Triq l-Ilqugħ). Is-SE infurmat li dawn ix-xogħljiet huma skedati fil-jiem li ġejjin.

## 27.3 RAPPORT MIS-SINDKU

27.3.2 Is-Sindku ppreżenta rapport iddetaljat tal-ħidma tiegħu li se jkun anness ma' dawn il-Minuti bħala App.A.

27.3.3 Is-Sindku talab lis-SE sabiex permezz ta'imejl jintbagħat recording tal-laqgħa onlajn (01.08.25) li saret riċenti mad-Direttur tal-Finanza Sa. Claire minn naħa ta' DLG dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Is-SE infurmat li se tkun qed tibgħat dan il-vidjow *via wetransfer.*

27.3.4 Hu nforma li waqt laqgħa li kellu mal-ERA, il-Kunsill ġie nfurmat li bring-in-sites ta' Triq ix-Xiber u Triq il-Barmil irridu jitpoġġew x'imkien ieħor peress li hemm rikjesti sabiex dawn jiċaqilqu minn fejn qegħdin fil-preżent. Is-SE infurmat li dawk ta' Triq il-Barmil, tpoġġew fi Triq il-Madliena ħdejn dawk li kien hemm diġa pero' irrid jinstab post ieħor adekwat għal dawk ta' Triq ix-Xiber. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li l-Kunsill jibqa' jesplora postijiet alternattivi oħra.

27.3.5 Is-Sindku rringrazzja bil-qalb lil voluntiera kollha li għenu fl-organizzazzjoni ta' SwieqiFest tal-impenn u l-kooperazzjoni li wrew sabiex din l-attivita' tkun waħda ta' suċċess.

27.3.6 Nhar il-11 t'Awwissu, saret laqgħa ta' kull xahar mal-uffiċċjali tal-Pulizija. Għal din il-laqgħa kien hemm l-Ispettur G.Gatt u Surġent K.Mintoff wkoll preżenti. Saret wkoll laqgħa mal-Assistent Kummissarju fid-Depot tal-Furjana dwar il-problema ta' *short lets* u l-istorbju eċċessiv.

27.3.7 Nhar it-18 t'Awwissu, is-Sindku nforma li kellu intervista fuq il-programm XTRA fejn ġew diskussi l-isfidi preżenti tal-lokalita'.

27.3.8 Nhar l-20 t'Awwissu, saret laqgħa mad-Direttur Sa. Marisa Pisani dwar il-proposta sabiex tinxtara l-art ta' wara l-Kunsill mill-Gvern Ċentrali. Wara diskuzzjoni, ġie deċiż li peress li l-proposta tagħna tinkludi Regional Art and Culture Centre, jiġi propost li dan il-bini jkun jinkludi wkoll l-uffiċini ta' Reġjun Lvant u Tribunal. Kien hemm qbil unanimu li din it-talba tgħaddi għall-attenzjoni ta' Reġjun Lvant.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 27.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli

27.3.9 Fl-istess ġurnata, sar il-ftuħ uffiċċjali tal-ELMO Insurance fi Triq il-Qasam. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Viċi Sindku u l-Kunsillier R. Scicluna.

27.3.10 Rigward il-ftuħ tal-passaġġ fi Triq Josef Kalleya u xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' toroq fil-lokalita' saret laqgħa ma' IM fi 22 ta' Awwissu. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Kunsillier M.Abela.

27.3.11 Is-Sindku nforma li wara li l-Kunsill irċieva rapporti li hemm yukka li hemm timbotta l-ħajt fi Triq il-Ġiebja, il-Perit tal-Kunsill iċċertifika li dan il-ħajt perikoluż u hemm bżonn li din tinqala'. Wara li saru kuntatti mal-ERA, ġie deċiż li biex issiru dawn ix-xogħlijiet, m'hemmx bżonn permessi. LANDS ġew ukoll notifikati pero' infurmaw li ma jistgħux jintervjenu fil-qlugħ tal-*Yukka* imma jistgħu jkun li jgħinu biex issir il-ħajt.

27.3.12 Nhar is-6 ta' Settembri, saret laqgħa flimkien mal-appellanti tal-proġett li qed jiġi propost fi Triq l-Inġinier. Għal din il-laqgħa kien hemm Dr C.Bonello u l-Perit C.Cacopardo. Ġiet diskussa l-possibilta' li jsir appell konġut. Din il-materja ġiet dikussa u l-Kunsill offra li jingħaqad f'appell magħhom pero' lest li jiffinanzja biss €250.00.

27.3.13 Fl-11 ta' Settembru, il-Kunsill irnexxielu jiltaqa' ma' Project Green dwar l-ispazju miftuħ ta' Triq il-Miżura peress li din il-laqgħa ġiet posposta diversi drabi minn naħa tal-PG. Għal din il-laqgħa li sraet fl-uffiċċini tagħhom fl-Imrieħel, kien hemm preżenti l-Viċi Sindku u l-Kunsillieri A.Pisani, E.Rossignaud u M.Abela. Il-Kunsill wera d-diżappunt tiegħu għall-fatt li lanqas l-isem għal dan il-ġnien ma ġie deċiż minn naħa tal-Kunsill minkejja li intalab joffri s-suġġerimenti. Il-Kunsill ssostna li għalkemm naqblu mal-prinċipju għax nemmnu li l-komunita' tgawdi minn proġetti simili, jkun tajjeb li wieħed jkun infurmat x'se jkun l-irwol tal-Kunsill f'dan il-proġett u min se jkun responsabli għaż-żamma u l-manutenzjoni.

27.3.14 Nhar is-17 ta' Settembru, is-Sindku, l-Viċi Sindku, il-Kunsillier M. Balzan flimkien mas-SE ġew mistiedna jattendu fil-Parlament mid-Deputat Prim Ministru Onor. I. Borg. Matul din il-laqgħa ġew diskussi d-diffikultajiet li Swieqi kellu matul ix-xhur li għaddew tas-sajf u għalhekk minn naħa tal-Miniteru tnieda proġett pilota fejn fil-futur qarib se jkunu qed jiġu implimentai diversi proposti li tressqu minn naħa tal-Kunsill waqt din il-laqgħa. Il-Kunsill jinsab ħerqan sabiex flimkien mal-Ministeru nibdew naffaċċjaw dawn l-isfidi b'iktar riżorsi u ħeġġa biex intejbu l-kwalita' tal-ħajja tar-residenti.

27.3.15 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill hux interessat li bħas-snin preċidenti jerġa' joffri s-servizz ta' tilqim tal-influenza. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Il-Kunsill se jkun qed jerġa' jagħmel tajjeb għall-ispejjeż involuti ta'nurse/tabib.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 27.3 RAPPORT MIS-SINDKU – ikompli

27.3.16 Is-Sindku ppropona sabiex jsiru aktar sforzi biex il-Kunsill jirnexxielu jasal għand ir-residenti b'iktar qawwa sabiex kull resident jkun magħraf sew bil-ħidmiet kontinwi tal-Kunsill u x'inhuma eżatt ir-responsabiltajiet tal-Kunsill. Huwa ppreżenta lista ta'punti li jemmen li l-pubbliku għandu jinforma ruħu dwarhom. Il-Kunsillier R.Scicluna flimkien mas-SE se jkunu qed jaħdmu dwar din il-materja.

27.3.17 Rigward l-installazjoni ta' chair lift tas-sala, is-Sindku nforma li għadna mwaħħlin peress li CRPD jidher li ma jistgħux jifhmu jew jaċċettaw li dan il-platform lift bilfors irrid jkun ta' dan id-daqs minħabba l-ispazju ta' taraġ huwa dak li hu u żgur ma jistax jinbidel. Se terġa ssir laqgħa mal-Perit kif ukoll mal-kuntrattur li kien responsabli għal dan ix-xogħol.

## 27.4 APPROVAZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR

L-iskeda tal-pagamenti nru.17 ġiet approvati hekk kif ippreżentata. Il-Kunsillier E.Rossignaud ippropona u l-Kunsillier M.Abela issekondat.

Din is-Seduta spiċċat fit-20.20 u bi qbil unanimu ġie deċiz li din is-Seduta titkompla nhar is-6 t'Ottubru fl-16.30.

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv